

32005D0433

14.6.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 151/19

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tad-9 ta' Ġunju 2005****li temenda d-Deċiżjoni 92/452/KEE dwar it-timijiet li jiġbru l-embrijuni fl-Istati Uniti ta' l-Amerika***(innotifikata taħt id-dokument numru C(2005) 1687)***(Test b'relevanza għaż-ŻEE)***(2005/433/KE)*

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jikkontrollaw il-kummerċ intra-komunitarju u importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijuni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovini ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/452/KEE tat-30 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi listi ta' timijiet li jiġbru l-embrijuni u timijiet li jipproduċu l-embrijuni approvati f'pajjiżi terzi għall-esportazzjoni ta' l-embrijuni bovini lill-Komunità ⁽²⁾ tipprevedi illi l-Istati Membri għandhom jimpurtaw l-embrijuni biss mill-pajjiżi terzi fejn dawn ġew miġbura, ipproċessati u maħżuna mit-timijiet li jiġbru l-embrijuni elenkati f'dik id-Deċiżjoni.
- (2) L-Istati Uniti ta' L-Amerika talbet li jsiru emendi fil-lista b'rigward għad-daħliet għal dak il-pajjiż.
- (3) L-Istati Uniti ta' L-Amerika pprovdiet garanziji rigward il-konformità mar-regoli xierqa stabbiliti fid-Direttiva 89/556/KEE u t-tim li jiġbor l-embrijuni ikkonċernat ġie approvat uffiċjalment għall-esportazzjonijiet lejn il-Komunità mis-servizzi veterinarji ta' dak il-pajjiż.

(4) Id-Deċiżjoni Nru. 92/452/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 92/452/KE hu emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mis-17 ta' Ġunju 2005.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, nhar id-9 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 250, 29.8.1992, p. 40. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/29/KE (ĠU L 15, 19.1.2005, p. 34).

ANNEX

Fl-Anness għad-Deċiżjoni 92/452/KEE, il-lista għall-Istati Uniti ta' l-Amerika hija emendata kif ġej:

- a) Il-filliera għat-tim li jiġbor l-embrijuni Nru 96TX088E928 tinbidel b'dan li ġej:

"US		96TX088 E928		Advanced Genetic Services/Normangee 4140 OSR Normangee, TX 77871	Dr Joe Oden"
-----	--	--------------	--	---	--------------

- b) Il-filliera għat-tim li jiġbor l-embrijuni Nru 91TX050E548 tinbidel b'dan li ġej:

"US		91TX050E548		Buzzard Hollow Ranch, 500 Coates Road, Granbury, TX 67048	Dr Mark Steele"
-----	--	-------------	--	--	-----------------

- c) Il-filliera għat-tim li jiġbor l-embrijuni Nru 02TX107E1482 tinbidel b'dan li ġej:

"US		02TX107E1482		Ovagenix, 9605 Dream Ranch Road, Navasota, TX 77876	Dr Gary Moore"
-----	--	--------------	--	--	----------------

- d) Il-filliera għat-tim li jiġbor l-embrijuni Nru 99TX104E874 tinbidel b'dan li ġej:

"US		99TX104E874		Ultimate genetics/Camp Cooley, Rt.3, Box 733, Franklin, TX 77856	Dr Joe Oden"
-----	--	-------------	--	---	--------------

- e) Jiżdiedu l-fillieri li ġejjin:

"US		03TX112		Diamond A Ranch, RT. 1 Box 35C, Dime Box, TX 77853	Dr John Schull
US		94MI074		GGS Genetics, 1200 Stillman Road Mason, MI 48854	Dr John D. Gunther"